



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 19 ta' Ġunju 2018
(OR. en)

9682/18

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0146 (NLE)

AVIATION 80
CHINE 5
RELEX 503

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2018/...

ta' ...

**dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni,
tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea
u l-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina
dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2), flimkien mal-Artikolu 218(5), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Bid-Deċiżjoni tiegħu tal-5 ta' Ġunju 2003, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati ma' pajjiżi terzi dwar is-sostituzzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet fi ftehimiet bilaterali eżistenti bi ftehim fil-livell tal-Unjoni.
- (2) Il-Kummissjoni nnegozjat, f'isem l-Unjoni, Ftehim mal-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru ('il-Ftehim'). In-negozjati ġew konklużi b'suċċess bl-inizjalar tal-Ftehim fit-8 ta' Diċembru 2017.
- (3) L-għan tal-Ftehim huwa li jgħib il-ftehimiet bilaterali dwar servizzi tal-ajru bejn 27 Stat Membru u r-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina f'konformità mal-liġi tal-Unjoni.
- (4) Jenħtieġ li l-Ftehim jiġi ffirmat f'isem l-Unjoni, suġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru ('il-Ftehim') huwa b'dan awtorizzat, suġġett għall-konklużjoni tal-imsemmi Ftehim*.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina l-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim f'isem l-Unjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President

* Delegazzjonijiet: ara d-dokument ST 9685/18.